



Kunsill
tal-Unjoni Ewropea

Brussell, 26 ta' Ġunju 2023
(OR. en)

10525/23

CFSP/PESC 834
CSDP/PSDC 460
CIVCOM 162
EUMC 263
MOG 81
RELEX 713
JAI 836
EUBAM LIBYA 13
PSC DEC 21

ATTI LEĠISLATIVI U STRUMENTI OĦRA

Suġġett: DEĊIŻJONI TAL-KUMITAT POLITIKU U TA' SIGURTÀ li testendi l-mandat tal-Kap tal-Missjoni tal-Unjoni Ewropea ta' Assistenza għall-Ġestjoni Integrata tal-Fruntieri fil-Libja (EUBAM Libya) (EUBAM Libya/.../2023)

DEĊIŻJONI TAL-KUMITAT POLITIKU U TA' SIGURTÀ (PESK) 2023/...

ta' ...

li testendi l-mandat tal-Kap tal-Missjoni tal-Unjoni Ewropea ta' Assistenza għall-Ġestjoni Integrata tal-Fruntieri fil-Libja (EUBAM Libya) (EUBAM Libya/.../2023)

IL-KUMITAT POLITIKU U TA' SIGURTÀ,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari t-tielet paragrafu tal-Artikolu 38 tiegħu,

Wara li kkunsidra d-Deċiżjoni tal-Kunsill 2013/233/PESK tat-22 ta' Mejju 2013 dwar il-Missjoni tal-Unjoni Ewropea ta' Assistenza għall-Ġestjoni Integrata tal-Fruntieri fil-Libja (EUBAM Libya)¹, u b'mod partikolari l-Artikolu 9(1) tagħha,

Wara li kkunsidra l-proposta mir-Rappreżentant Għoli tal-Unjoni għall-Affarijiet Barranin u l-Politika ta' Sigurtà,

s

¹ ĠU L 138, 24.5.2013, p. 15.

Billi:

- (1) Skont l-Artikolu 9(1) tad-Deċiżjoni 2013/233/PESK, il-Kumitat Politiku u ta' Sigurtà (KPS) huwa awtorizzat, f'konformità mal-Artikolu 38 tat-Trattat, li jieħu d-deċiżjonijiet rilevanti għall-fini tal-eżerċitar tal-kontroll politiku u tad-direzzjoni strateġika tal-EUBAM Libya, inkluż id-deċiżjoni li jinħatar Kap tal-Missjoni.
- (2) Fl-14 ta' Jannar 2021, il-KPS adotta d-Deċiżjoni (PESK) 2021/59¹, li taħtar lis-Sa Natalina CEA bħala Kap tal-Missjoni ta' EUBAM Libya mill-1 ta' Frar 2021 sat-30 ta' Ġunju 2021.
- (3) Fit-18 ta' Mejju 2022, il-KPS adotta d-Deċiżjoni (PESK) 2022/846², li testendi l-mandat tas-Sa Natalina CEA bħala l-Kap tal-Missjoni EUBAM Libya sat-30 ta' Ġunju 2023.
- (4) Fi ... 2023, il-Kunsill adotta d-Deċiżjoni (PESK) 2023/...³⁺, li testendi l-mandat ta' EUBAM Libya sat-30 ta' Ġunju 2024.

¹ Id-Deċiżjoni tal-Kumitat Politiku u ta' Sigurtà (PESK) 2021/59 tal-14 ta' Jannar 2021 dwar il-ħatra tal-Kap tal-Missjoni tal-Unjoni Ewropea ta' Assistenza għall-Ġestjoni Integrata tal-Fruntieri fil-Libja (EUBAM Libya) (EUBAM Libya/1/2021) (ĠU L 26, 26.1.2021, p. 3).

² Id-Deċiżjoni tal-Kumitat Politiku u ta' Sigurtà (PESK) 2022/846 tat-18 ta' Mejju 2022 li testendi l-mandat tal-Kap tal-Missjoni tal-Unjoni Ewropea ta' Assistenza għall-Ġestjoni Integrata tal-Fruntieri fil-Libja (EUBAM Libya) (EUBAM Libya/1/2022) (ĠU L 148, 31.5.2022, p. 38).

³ Id-Deċiżjoni tal-Kunsill (PESK) 2023/... ta' ... 2023 li temenda d-Deċiżjoni 2013/233/PESK dwar il-Missjoni tal-Unjoni Ewropea ta' Assistenza għall-Ġestjoni Integrata tal-Fruntieri fil-Libja (EUBAM Libya) (ĠU ...).

⁺ ĠU: Jekk jogħġbok daħħal fit-test in-numru tad-Deċiżjoni u imla n-nota korrispondenti f'qiegħ il-paġna.

- (5) Ir-Rappreżentant Għoli tal-Unjoni għall-Affarijiet Barranin u l-Politika ta' Sigurtà ppropona li l-mandat tas-Sa Natalina CEA bħala l-Kap tal-Missjoni ta' EUBAM Libya jiġi estiż mill-1 ta' Lulju 2023 sal-31 ta' Diċembru 2023,

ADOTTA DIN ID-DEĊIŻJONI:

Artikolu 1

Il-mandat tas-Sa Natalina CEA bħala l-Kap tal-Missjoni tal-Unjoni Ewropea ta' Assistenza għall-Ġestjoni Integrata tal-Fruntieri fil-Libja (EUBAM Libya) huwa b'dan estiż mill-1 ta' Lulju 2023 sal-31 ta' Diċembru 2023.

Artikolu 2

Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ fid-data tal-adozzjoni tagħha.

Għandha tapplika mill-1 ta' Lulju 2023.

Magħmul fi Brussell,

Għall-Kumitat Politiku u ta' Sigurtà

Il-President
